KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 76

**Il-Ħamis 19 ta' April 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku (wasal fit-8:25pm)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier (wasal fit-8:20pm)
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dott. Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

76.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

76.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

76.2.2 Il-Kunsillier Fenech propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 76.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

76.3.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex isir rapport lill-pulizija dwar iz-zewġ caravans li hemm fiz-zona tal-Karnival.

76.3.2 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-persuna li kienet qed tallega li fejn twaħħal il-*bus shelter* il-ġdid, kienet proprjetà tagħha. Issa li twaħħal, is-Sindku ssuġġerixxa li titwaħħal *sticker* bl-isem tal-kunsill fuqu. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li ssir *crash barrier* ezattament qabel il-*bus shelter* ħalli jitnaqqas il-periklu għal min ikun qed jistenna.

76.3.3 Hawnhekk is-Sindku informa li jixtieq jara fiex wasal il-permess tal-bosk. Huwa informa li issa li dan il-post ilu tant magħluq, iħoss li hija prijorità li dan jinfetaħ mill-aktar fis possibbli.

76.3.4 Is-Sindku informa li fil-ġimgħat li ġejjin hu, il-Viċi Sindku u s-SE kienu se jiltaqgħu ma' numru ta' kuntratturi dwar numru ta' kuntratti li għaddejjin bħalissa, mal-kuntrattur li ħadem fil-bosk u ma' rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar il-proposta għall-iskola l-ġdida minflok l-eks sptar militari.

## 76.4 Jum l-Imtarfa – Għoti tal-Ġieħ, Mertu u Premju Twanny Bugeja

76.4.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva numru ta' nominazzjonijiet għat-tliet premji. Wara deliberazzjoni kien hemm qbil li r-rebbieħa għal din is-sena għandhom ikunu:

Ġieħ l-Imtarfa – Stephen Bonello
Mertu l-Imtarfa – Luke Spiteri
Premju Twanny Bugeja – Antoine Azzopardi

## 76.5 Terminazzjoni tal-kuntratt minn Green MT

76.5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa ta' Green MT fejn dawn kienu infurmaw li kienu qed jitterminaw il-kuntratt mal-Kunsill Lokali b'effett minn tlett xhur mill-21 ta' Marzu 2018.

76.5.2 Min-naħa tagħha kienet għaddiet kopja ta' din il-kommunikazzjoni lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn infurmatu wkoll bl-inċentivi u l-mizuri li kienu ttieħdu mill-Kunsill sabiex jitnaqqas l-iskart imħallat u jizdied l-iskart magħzul f'dawn l-aħħar sentejn.

76.5.3 Il-Kunsill qabel li għandu jistenna risposta lura min-naħa tad-Direttur sal-laqgħa li jmiss.

## 76.6 Il-Bosk tal-Imtarfa

76.6.1 Is-SE infurmat li kif informa diġà s-Sindku, l-għada l-Ġimgħa kienet se tinzamm laqgħa mal-kuntrattur li ħadem fuq ix-xogħol tal-bosk.

76.6.2 Min-naħa tagħha kienet ikkomunikat ukoll id-deċizjoni tal-Kunsill lill-Periti.

76.6.3 Infurmat ukoll li s'issa ma kienx għad kien hemm risposta min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għat-tiswija tal-belveder.

## 76.7 Stampar ta' *Photobook* dwar l-Imtarfa

76.7.1 Is-SE infurmat li kienu waslu biex jiġi ffinalizzat il-*photobook* dwar l-Imtarfa. Hija fakkret li r-ritratti kienu qed jittieħdu minn Reuben Seycell filwaqt li l-artikli kienu qed jinkitbu mill-istoriku Vince Zammit. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandu jiddaħħal ritratt tal-Kunsilliera fis-sezzjoni tal-ġemellaġġi.

76.7.2 Hawnhekk hija infurmat li kienu nġabu kwotazzjonijiet għal 200 u 500 ktieb, wieħed f'format *perfect bound* u ieħor f'format *hard bound*.

## 76.8 Skema 2 tal-Awtorità tad-Djar

76.8.1 Is-SE infurmat li xi residenti minn Binja San David kienu talbu għajnuna lill-Awtorità tad-Djar għall-għajnuna finanzjarja u dawn kienu allokawlhom €5000. Min-naħa tagħhom kienu talbu lill-Kunsill sabiex ikun intermedjarju bejniethom sakemm jitlesta u jitħallas dan ix-xogħol.

## 76.9 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jannar – Marzu 2018)

76.9.1 Is-SE infurmat li l-*accountant* ma laħqitx lestiet ir-rapport finanzjarju u għaldaqstant dan il-punt kien se jerġa' jitqajjem waqt il-laqgħa li jmiss.

## 76.10 Attività ta’ tindif (*Malta Clean Up*)

76.10.1 Is-SE infurmat li nhar il-Ħadd 22 ta’ April kienet se tinzamm l-attività ta’ tindif madwar Malta kollha, fosthom fl-Imtarfa. Din is-sena kienet intagħzlet iz-zona tal-Karnival u l-maġġorparti tal-grupp kien se jikkonsisti mill-membri tal-Baden Powell Scout Group.

76.10.2 Hawnhekk is-Sindku informa li ma setax jattendi minħabba li kellu attività oħra fl-istess ħin, ezattament il-Quddiesa tal-Ordinanza tad-Djakonat ta’ zgħazugħ Mtarfi. Il-Viċi Sindku informa li min-naħa tiegħu kellu attività mal-Imtarfa Scouts Group. Il-Kunsillier Fenech informa li hu kien se jattendi.

76.10.3 Kien hemm qbil li għandu jinxtra xi frott għall-voluntiera.

## 76.11 Zjara ġewwa Pumpherston

76.11.1 Is-SE infurmat li kienet ordnat xi ingravajjet u *scarves* bil-logos tal-Imtarfa sabiex jitqassmu waqt iz-zjara ġewwa Pumpherston, hekk kif mitluba mill-Kunsill waqt il-laqgħa preċedenti.

76.11.2 Hawnhekk infurmat li kienet irċeviet kopja tal-programm *draft* min-naħa ta’ Pumpherston għall-informazzjoni tal-Kunsill u tal-kontinġent li se jmur l-Iskozja.

## 76.12 Estensjoni tal-kuntratt tal-manutenzjoni u tindif tal-latrini (MTFLC/Q/002/2016)

76.12.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt tat-tindif tal-latrini kien skada u għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex japprova l-estensjoni b’lura. Il-Kunsill qabel b’mod unanimu li dan għandu jiġi estiz għal sena.

76.12.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud – il-ħin kien it-8:20pm.

76.12.3 Hawnhekk ġibdiet l-attenzjoni wkoll li minħabba pressjoni ta’ xogħol ma kienx għadha ffinalizzat l-offerta tal-knis, anke għaliex sakemm ittieħdet deċizjoni mill-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet kien hemm tibdil fil-liġi u issa dan irid jiġi approvat bil-BPQR. Għaldaqstant hija infurmat ukoll li kienet se tgħaddi numru ta’ kundizzjonijiet sabiex jiġu approvat mill-Kunsill sabiex jiġu inkluzi fl-offerta l-ġdida.

76.12.4 Fid-dawl ta’ dan, talbet li l-kuntratt jigi estiz b’6 xhur oħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 76.13 Punti oħra

76.13.1 Is-SE infurmat li kif issemma’ qabel, kienet twaħħlet il-*bus shelter* fi Triq l-Imtarfa. Min-naħa tal-Malta Public Transport kienu approvaw li fi zmien qasir għandhom imexxu l-arblu bl-isem u l-iskeda. Sadanittant il-Kunsillier Fenech talab lill-Kunsill sabiex titwaħħal *crash barrier* qabel il-*bus shelter*. Il-Kunsill qabel. Is-SE infurmat li probabbilment mhux possibbli li tkun aktar minn 2m għaliex il-bankina fiha *culvert* taħtha u għaldaqstant m’hemmx fejn torbot is-sieq tal-*crash barrier*. Hija infurmat li kienet se tivverifika u se tibgħat kommunikazzjoni permezz tal-*email* u tgħaddi wkoll xi ritratti qabel issir l-ordni.

76.13.2 Il-Viċi Sindku wasal fit-8:25pm.

76.13.3 Is-SE infurmat li l-Kulleġġ San Nikola kien se jippubblika ktejjeb b'kollaborazzjoni ma' numru ta' Kunsilli Lokali fosthom l-Imtarfa. Fil-ktejjeb se jkun hemm informazzjoni dwar il-lokalitajiet kollha, b'riċerka li saret mill-istess studenti tal-kulleġġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkollabora fuq dan il-proġett u jagħmel ħlas sa €120 għall-istampar tiegħu.

## 76.14 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

76.14.1 Il-Kunsillier Mifsud fakkar lis-SE biex tibgħat xi informazzjoni dwar l-Imtarfa sabiex tiġi diskussa mis-sottokumitat li qed jieħu ħsieb l-ippubblikar tal-ktejjeb dwar il-lokalitajiet fir-Reġjun Tramuntana.

76.14.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li kien se jlaqqa' lill-entitajiet kollha fir-rigward tal-attività li se tinzamm fl-Imtarfa, ir-Rabat u l-Imdina. Huwa informa li kien qed jantiċipa li l-grupp jitlaq minn Chadwick Lakes fis-6:30pm. Għall-mistoqsija tas-SE dwar din l-attività huwa talab lill-Kunsill sabiex jgħin fil-loġistika tagħha.

## 76.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

76.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Vici Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 76.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

76.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Mejju fis-7:15pm.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |